MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 36/2010

**Albert Gauci f'ismu personali u bhala ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Albert's Garage**

**Vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Albert Gauci f'ismu personali u bhala ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Albert's Garage fit-13 ta' Ottubru 2010, permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal jirrevoka, jannulla u jhassar id-decizjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta fil-konfront tieghu komunikata lilu b'ittra datata 28 ta' Settembru 2010 u konsegwentement jirrevoka, jannulla u jhassar kull penali imposta fuqu b'dana li effettivament jigi liberat minn kull responsabilità, imputazzjoni u htija skond kif previst fl-Artikolu 15(2) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 40(1)(b) tal-Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta u fir-Regolament 22(1) tar-Regolamenti dwar Testijiet biex Jiccertifikaw li

Vetturi bil-Mutur huma Tajba ghat-Triq, Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, bl-ispejjez kontra l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta;

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema topponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u titlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u b'hekk ghandha tigi kkonfermata, u li l-Awtorità ghamlet l-indagini taghha sew u b'responsabbiltà u skond dak li rrizultalha inhareg l-avviz li bih, ghar-ragunijiet hemm indikati, gew imposti s-sanzjonijiet kif previst fil-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15;

Sema' x-xhieda ta' James Micallef[1] u tar-Rikorrent[2] moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2011 u ra d-dokument esebit minn James Micallef markat Dok. "SM1" a fol. 25 u 26 tal-process u d-dokument esebit mir-Rikorrent markat Dok. "AG1" a fol. 27 tal-process, sema' x-xhieda ta' Lino Abela moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2012[3] u tad-29 ta' Mejju 2012[4] u ra d-dokument esebit minnu waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2012 markat Dok. "LA1" a fol. 38 tal-process, sema' x-xhieda ta' George Farrugia moghtija waqt is-seduti tas-7 ta' Frar 2012[5], tad-29 ta' Mejju 2012[6] u tas-27 ta' Settembru 2012[7] u ra d-dokumenti esebiti minnu waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2012 markati Dok. "GF1" sa' Dok. "GF3" a fol. 35 sa' 37 tal-process u waqt is-seduta tas-27 ta' Settembru 2012 markat Dok. "GV1" u Dok. "GV2" a fol. 60 u 61 tal-process;

Sema' it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

---

1 Fol. 28 u 29 tal-process.
2 Fol. 30 u 31 tal-process.
3 Fol. 39 tal-process.
4 Fol. 58 tal-process.
5 Fol. 40 sa' 45 tal-process.
6 Fol. 52 sa' 57 tal-process.
7 Fol. 62 sa' 64 tal-process.

**Ikkonsidra:**

B'ittra datata 28 ta' Settembru 2010[8] ir-Rikorrenti gie infurmat li *on the 27th September 2010 the Transport Malta Technical Unit Officers had carried out a post VRT inspection on the above-mentioned vehicle* (il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IBI-492). *The VRT test was conducted on the 20th September 2010 at your station issued a pass certificate No. C 2478195 on the said vehicle. The following irregularities related to the VRT test were noted during the Transport Malta inspection: A missing seal in the fuel flow adjuster screw[9]. Please be informed that according to Legal Notice 43 of 2008 and Subsidiary Legislation 65.15 Schedule 12 item 23 you are therefore being penalized the total points of 50 points (Fifty) that are equivalent to €550.*

Ir-Rikorrent jikkontesta l-validità u fondatezza ta' din id-decizjoni mehuda kontra tieghu u jitlob li l-istess decizjoni tigi revokata, annullata u mhassra, filwaqt illi l-Awtorità intimata tikkontendi li d-decizjoni in kwistjoni hija gusta u valida u tirrispekkja s-sanzjoni li ghandha tigi imposta skond il-Ligi fid-dawl tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz, u b'hekk titlob li d-decizjoni tigi kkonfermata.

Mill-imsemmija ittra tat-28 ta' Settembru 2010 tohrog ferm cara l-akkuza ta' l-Awtorità intimata fil-konfront tar-Rikorrent: waqt il-VRT test fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IBI-492 esegwit fl-20 ta' Settembru 2010, ir-Rikorrent naqas milli jiehu debita konjizzjoni tal-fatt illi l-vettura ma kellhiex sigill fil-pompa tad-diesel u, apparte milli naqas li jwahhal tali sigill ghadda biex johrog *passed certificate* relattiv ghall-VRT test esegwit fuq il-vettura.

Mix-xhieda li ta George Farrugia, Technical Officer ma' l-Awtorità intimata, waqt is-seduti tas-7 ta' Frar 2012[10], tad-29 ta' Mejju 2012[11] u tas-27 ta' Settembru 2012[12], jirrizulta li l-Awtorità intimata ma hijiex qed taghmel referenza ghal

---

8 Dok. "LA1" a fol. 38 tal-process.
9 Sottolinear tat-Tribunal.
10 Fol. 40 sa' 43 tal-process.
11 Fol. 52 sa' 57 tal-process.
12 Fol. 62 sa' 64 tal-process.

kwalunkwe tip ta' sigill fil-pompa tad-diesel izda specifikatament tirreferi ghal sigilli minnha appozitament ipprovduti lill-operaturi ta' stazzjonijiet tal-VRT jew sigilli minnha approvati skond id-dokumenti esebiti minn George Farrugia u markati Dok. "GV1" u Dok. “GV2”, li skontha l-operaturi ta' stazzjonijiet tal-VRT huma obbligati li jwahhlu mal-pompi tad-diesel fejn dawn ikunu nieqsa jew imbaghbsa. Huwa dan is-sigill specifiku li skond l-Awtorità intimata r-Rikorrent kien fl-obbligu li jaccerta ruhu li kien imwahhal mal-pompa tad-diesel tal-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IBI-492 u li una volta li jistabilixxi li ma kienx hemm tali sigill jghaddi biex iwahhlu u mhux jipprocedi biex jikkonkludi b'mod posittiv il-VRT test fuq l-imsemmija vettura.

Mix-xhieda li ta r-Rikorrent waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2011, jirrizulta b'mod car li huwa mhux qed jichad li fil-kors tal-VRT test fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IBI-492 huwa ma wahhalx is-sigill ipprovdut mill-Awtorità intimata mal-pompa tad-diesel ta' dik il-vettura, izda jikkontendi li f'dan il-kaz partikolari ma kellux ghalfejn u wisq inqas l-obbligu li jaghmel dan is-sigill ipprovdut mill-Awtorità ghaliex il-magna tal-vettura in kwistjoni già kellha s-sigill tal-fabbrika li kien f'postu u adegwat ghall-finijiet ta' VRT. F'tali rigward ir-Rikorrent fil-fatt xehed illi *fl-20 ta’ Settembru 2010 kien gie l-van IBI 492 biex isirlu l-VRT test. Jiena ghandi garaxx tal-VRT f’San Pawl il-Bahar. Dan il-van sarlu t-test, kollox kien sew u ghalhekk ghadda mill-istess test. It-test huwa fully computerized… Is-sigill mal-pompa tal-fuel in kwistjoni huwa speci ta’ screw li jekk jinqata’ jew jitnehha jippermetti aktar flow tal-fuel u b’hekk ikollok aktar gibda fil-karozza. Il-van in kwistjoni meta sarlu t-test kellu s-sigill u kien is-sigill tal-fabbrika. Irrid nghid li ahna obbligati li jekk tidhol vettura minghajr dan is-sigill naghmlula dan l-istess sigill li jinghataw lilna mill-Awtorità. Jekk jiena dan is-sigill ma naghlux, apparti milli nonqos id-dover tieghi nitlef ukoll €12 tax-xoghol li jiena nkun stajt ghamilt. Fil-fatt ghalija jkun ahjar li persuna tigi minghajr dan is-sigill ghaliex naghmel is-sigill jiena u nigwadanja €12. Jiena rcevejt ittra minghand l-ADT xi tmint ijiem wara li sar dan it-test fejn gejt infurmat li kont ser nehel il-multa amministrattiva kif ukoll it-tnaqqis fil-*

*punti. Jiena nhsadt meta rajt din l-ittra ghar-raguni li meta l-vettura kienet ghandi kellha kollox sew*[13].

Ladarba jirrizulta li din hija l-kwistjoni li tifforma l-qofol tal-kaz in ezami, jehtieg li it-Tribunal jiddetermina x'inhuma l-obbligi fil-Ligi ta' operaturi ta' stazzjonijiet tal-VRT fir-rigward tas-sigill li ghandu jkun hemm mal-pompi tad-diesel ta' vetturi, u jekk fil-kaz in ezami r-Rikorrent kien sufficentement konxju mill-obbligu specifiku impost fuqu mill-Awtorità intimata f'tali rigward.

Il-paragrafu E ta' l-Ewwel Skeda tar-Regolamenti dwar Testijiet biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba ghat-Triq, Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, li jittratta dwar ezami tas-sigill tal-*high pressure fuel pump* jipprovdi li *meta dan ikun japplika*[14]*, il-vetturi fil-klassijiet kollha li jkunu mghammra b'magna li tahdem bid-diesel ghandhom jigu ezaminati dwar jekk il-pompa tal-fuel bi pressjoni gholja tkunx issigillata jew le.* Ma hemmx dubju li din ir-regola – partikolarment fid-dawl tal-frazi *meta dan ikun japplika* – taghti lill-Awtorità intimata **diskrezzjoni assoluta** kemm fid-determinazzjoni ta' meta u f'liema cirkostanzi tali regola hija applikabbli kif ukoll u konsegwentement, meta u f'liema cirkostanzi operatur ta' stazzjon tal-VRT jista' jigi sanzjonat minhabba inosservanza ta' l-istess.

Huwa principju assodat fid-Dritt Amministrattiv li filwaqt illi awtorità pubblika ghandha jkollha d-debita diskrezzjoni biex tezercita s-setghat u anke d-doveri taghha, tali diskrezzjoni qatt ma tista' tkun assoluta jew tant wiesgha li facilment tista' tohloq pregudizzju lill-privat ghaliex ma jkunx f'posizzjoni jifhem sew l-import ta' regola jew *policy* li huwa fid-dmir li josserva bil-konsegwenza li facilment jista' jispicca b'sanzjonijiet jew provvedimenti mehuda fil-konfront tieghu. Di fatti l-kuncett ta' *unfettered discretion* jmur ghal kollox kontra l-principju tar-*rule of law* li huwa fondamentali fil-kuntest tad-Dritt Amministrattiv.
Is-sitwazzjoni ikkreata bir-Regola stipulata fil-paragrafu E ta' l-Ewwel Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 hija

[13] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2011, fol. 30 u 31 tal-process.
[14] Sottlinear tat-Tribunal.

ezattament dik it-tip ta’ sitwazzjoni li trid tigi evitata bis-sahha tal-principju guridici applikabbli fil-kamp tad-Dritt Amministrattiv. Bil-mod kif inhi miktuba r-Regola in kwistjoni – u partikolarment bl-uzu tal-frazi wisq vaga u wiesgha *meta dan ikun japplika* – operatur ta’ stazzjon tal-VRT difficilment jista’ jkun jaf kif u meta ghandu jwahhal is-sigill ipprovdut jew approvat mill-Awtorità intimata, sakemm l-istess Awtorità ma tispecifikax b’mod iktar akkurat u car l-intenzjoni taghha wara tali Regola u l-ghan li trid tilhaq biha. Fin-nuqqas ta’ tali kjarifika l-operatur ta’ stazzjon ta’ VRT jiddependi – u dana b’mod ghal kollox ingust fil-konfront tieghu – kompletament fuq l-interpretazzjoni tieghu ta’ dak li trid tfisser l-Awtorità intimata bil-frazi *meta dan ikun japplika*, interpretazzjoni li facilment tista’ ma taqbilx ma’ dik li ghandha f’mohha l-Awtorità u daqstant iehor facilment tista’ twassal ghall-imposizzjoni ta’ sanzjonijiet fuqu.

It-Tribunal iqis li tali sitwazzjoni hija kompletament inaccettabbli ghaliex operatur ta’ stazzjon ta’ VRT – bhal del resto kwalunkwe cittadin iehor – ghandu jkun f’posizzjoni li jaf ezattament l-import u l-effett shih ta’ l-obbligi imposti fuqu biex b’hekk ikun konxju tas-sanzjonijiet li jista’ jiffaccja jekk xjentement jonqos milli jonora tali obbligi, partikolarment meta akkumulu ta’ sanzjonijiet jistghu jwasslu ghall-imposizzjoni ta’ multi amministrattivi ingenti u anke ghas-sospensjoni ta’ l-awtorizzazzjoni tieghu.

Dan kollu jfisser ghalhekk illi r-Regola stipulata fil-paragrafu E ta’ l-Ewwel Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 ikkunsidrata wahedha minghajr ebda forma ta’ spjegazzjoni jew kjarifikazzjoni ulterjuri da parte ta’ l-Awtorità intimata lill-operatur/i ta’ stazzjon ta’ VRT, hija ghal kollox inaccettabbli u b’hekk difficilment enforzabbli fil-konfront ta’ operatur stazzjon ta’ VRT li jidher illi jkun esegwixxa VRT test fuq vettura b’mod regolari – hekk kif fil-fatt hi s-sitwazzjoni fil-kaz in ezami.

Kuntrarjament ghal kazijiet ohra illi dan it-Tribunal kellu l-okkazzjoni jikkonsidra – ad ezempju l-kaz deciz bis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Bajada v. Awtorità ghat-**

**Trasport f'Malta, Rik. Nru. 6/11** deciza fid-19 ta' Ottubru 2012 (Tribunal – Ghawdex) – f'dan il-kaz ma jirrizultax, u dana ghaliex ma tressqitx prova fir-rigward, li l-Awtorità intimata gharrfet lir-Rikorrent permezz ta' avviz/avvizi *ad hoc* bl-obbligu specifiku nascenti mir-Regola in ezami. B'hekk f'dan il-kaz ma jirrizultax li l-obbligu rizultanti mill-frazi ferm vaga *meta dan ikun japplika* gie b'xi mod ikkjarifikat lir-Rikorrent bir-rizultat li huwa kellu jiddependi b'mod assolut fuq l-interpretazzjoni tieghu ta' xi trid tfisser l-Awtorità intimata b'dik il-frazi. Fic-cirkostanzi ghalhekk, it-Tribunal iqis li r-Rikorrent ma ghandux jigi ppenalizzat ghaliex l-interpretazzjoni tieghu tar-Regola stipulata fil-paragrafu E ta' l-Ewwel Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 ma taqbilx ma' l-interpretazzjoni ta' l-Awtorità ta' dik l-istess Regola.

Ghal tali ragunijiet – **li in verità jiddistingwu dan il-kaz minn kazijiet ohra bhal ad ezempju dak appena imsemmi Joseph Bajada v. Awtorità ghat-Trasport f'Malta** – it-Tribunal iqis li f'dan il-kaz partikolari d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata ma hijiex gusta u b'hekk ma timmeritax li tigi kkonfermata.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata tat-28 ta' Settembru 2010, u konsegwentement jirrevoka, ihassar u jannulla dik id-decizjoni u l-konsegwenti punti ta' penalità u multa amministrattiva biha imposti fuq ir-Rikorrent.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-Awtorità intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------